VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,419, 30 ta' April, 2015
Taqsima B

A.L. 144 tal-2015

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni tal-2015 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Ordni Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet, il-President ta' Malta għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2015 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Ordni Nru. 3).

Art specifikata.

2. L-art deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni hija b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet.


Jum stabbilit.

3. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet rigward l-art speċifikata fl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni għandhom b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2015 jitqiesu li ma baqgħux jitwettqu mill-Kunsill Malti għall-Isport stabbilit permezz tal-Att dwar l-Isport u ġew trasferiti lura lill-Kummissarju tal-Artijiet kif provdut fl-imsemmi artikolu 2 tal-Ordinanza.

Deskrizzjoni.

4. L-art imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni tikkonsisti f' sit fi Triq Għajn Dwieli, Fgura li għandha kejl ta' madwar 31,955 metru kwadru, reġistrata bħala Tenement Numru E26998 u tidher immarkata fuq il-pjanta PD 2012_894.

B 1078


SITE AT TRIQ GHAJN DWIELI FGURA
Scale 1:2500
EXTENT INTERPRETED FROM TENEMENTS LAYER
PROPERTY No.: E26998
AREA: 31,955m²
SUBJECT TO EXISTING SERVITUDES
GOVERNMENT PROPERTY DEPARTMENT
ESTATE MANAGEMENT DIRECTORATE
LOCALITY: FGURA
P.D. No: 2012_894
SCALE 1:2500
FILE: L.514/80/1
(sgd. S. Scotto)
A&CE
DATE: 12/11/2012
(sgd. R. Camilleri)
Director Estate Management
DATE: 12/11/2012